*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 08**

**It-Tlieta 14 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Janice Falzon – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**8.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**8.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Janice Falzon.

**8.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 7 tad-9 ta' Diċembru 2019:***

**8.2.1** ***Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**8.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq punt 7.3.3 paġna 4 u staqsa jekk l-applikazzjoni tal-estensjoni tal-pompa tal-petrol ġietx appelleta.

Is-Sindku qal illi l-estensjoni ma ġietx approvata pero jista jappella pero ma jaħsibx li dan ser iseħħ.

**8.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq artiklu 7.7.6 paġna 6 jekk is-Sur Curmi aċċettax il-kumpens li ingħata.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi ntbgħatlu l-pagament kif miftihem fil-laqgħa.

**8.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 7.2.4 meta ser issir il-waterpoint.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi għandha issir din il-ġimgħa.

**8.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku:**

**8.3.1** **Għajnuna għall-Inspire (35/0011/19/I):**

Is-Sindku qal illi avviċinawh min naħa tal-Inspire għaliex ser issir maratona bħal ma jsir kull sena fid-9 ta' Frar 2019 u kellhom bzonn xi għajnuna finanzjarja hu kompla jgħid illi qalilhom li l-Kunsill ikun lest li jiffinanzja it-trophies pero kienu sabu persuna li lesta tagħmilhomlom b'xejn għalhekk jekk il-Kunsill jaqbel nħallsu is-servizz tal-Pulizija li ser ikunu hemmhekk dakinhar. Din l-attivita` sintendi ser issir bejn l-Inspire b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**8.3.2** **Performance fl-iskola San Ġwakkin fit-21 ta' Jannar 2020 (35/0089/20/I):**

Is-Sindku qal illi hu kien iltaqa mad-delegazzjoni Ċiniza ftit taz-zmien ilu u issa dawn qed joffru li jagħmlu performance taċ-ċelebrazzzjoni tas-sena l-ġdida ġewwa l-iskola San Ġwakkin fejn ser ikunu mistiedna anke studenti mill-iskola l-qadima sabiex jattendu għal dan l-ispettaklu. Il-Kunsilliera u staff huma mistiedna li jattendu.

**8.3.3** **<u>Pier Diem Allowance għal Israel (35/0088/20/I):</u>**

Is-Sindku qal illi għandu stedina mill-Muniċipalita ta Haifa fl-Israel sabiex ikun jista jmur fil-lokal tagħhom sabiex imbagħad huma jkunu jistgħu jibgħatu grupp li jesebixxi spettaklu f'Marsaskala u jixtieq illi l-Kunsill ikun jista jtih għajnuna permezz ta' Pier Diem Allowance. Kompla jgħid illi hu ħallas il-biljetti tal-ajru personalment.

Il-Kunsill qabel illi jingħata kumpens lis-Sindku għal din iz-zjara.

**8.3.4** **<u>Reġistrazzjoni għal Malta Council for the voluntary sector (35/0096/20/I):</u>**

Is-Sindku qal dan il-proġett mhux ser isir.

**8.3.5** **<u>Performance Bonus:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja għadda l-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-istaff għas-sena 2019.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff jieħdu il-massimu tal-performance bonus rispettivament.

**8.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

**8.4.1** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa kif baqa l-Kunsill fuq il-Byelaw tal-Caravans

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għadu qed jistenna risposta min naħa tal-Parlament.

Kien hemm qbil li nitkellmu mad-Dipartiment għal Gvern Lokali ħalli naraw fiex waslet.

- **Il-Kunsillier is-Sur Mary Rose Mifsud daħlet fis-18:50.**

**8.4.2** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi Triq il-Qaliet hemm bzonn li jsiru xi mizuri ta sigurta.

Is-Sindku qal illi diġa ittieħdet azzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jerġa jkellem lill-Engineer Schembri u is-Sur Matthew Briffa għaliex kellha issir pedestrain crossing u għalkemm prova jkellimhom kemm il-darba ma kellu l-ebda risposta.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu reminder lis-Sur Schembri u s-Sur Briffa.

**8.4.3** Is-Sindku informa lill-Kunsill illi fit-3 ta' Frar 2020 ser tinbeda l-kostruzzjoni fil-bus stop ta ħdejn Grabiel.

**8.4.4** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi ta' Triq Sant'Anna hemm bzonn li jsir xi ħaġa minħabba l-veloċita li qed jgħaddu biha l-karozzi f'din it-triq.

Is-Segretarju Ezeluttiv qal illi l-Kunsill kien talab għal zebra crossing f'din it-triq u baqa bla risposta ser jibgħat reminder fuqha.



**8.5** **<u>Rapporti:</u>**

**8.5.1** **Rapport ta' Kull kwart Ottubru-Diċembru 2019:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport ta' kull kwart għal perjodu Ottubru-Diċembru 2019.

***Is-Sindku is-Sur Mario Calleja ipproopona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Erroll Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**8.5.2** ***Approvazzjoni tal-emendi fil-Budget:***

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi kien hemm emeda waħda fil-Budget għaliex min din is-sena il-Gvern ser jgħaddilna allokazzjoni sħiħa fuq it-tipping fees u l-Kunsill iħallas l-ammont sħiħ għal kontijiet tal-Wasteserv mhux kif kien isir qabel illi l-Kunsill iħallas parti mill-kont u l-kumplament kien itina rimbors tiegħu l-Gvern.

Is-Sindku qal illi għas-sajf il-borza tal-organic għandha tinġabar l-ewwel pero` għalissa nistgħu nħalluha kif inhi.

Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll li hemm kwistjoni pendenti mad-DLG minħabba li għaddewlna l-flus għas-sena 2020 u għas-sena 2019 mhumiex se jħallsu l-ammonti tal-piz zejjed tal-iskart kif kienu jagħmlu fil-passat.

***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ipproopona l-approvazzjoni tal-Budget kif emendat u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**8.6** **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kien hemm l-ebda item.

**8.7** **Korrispondenza**

**8.7.1** **Kwotazzjoni tat-trophies:**

Dan l-item ġie diskuss f'punt 8.3.1.

**8.7.2** **Approvazzjoni tal-bad debts tal-Melita 2017:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kellu jiġbor amont zgħir ta' flus mill-kumpanija Melita tal-gabbana li kienu jarmaw max-xatt ftit tas-snin ilu, fejn dawn il-flus il-Kunsill mhux ser joħodhom lura.

**8.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:**

**8.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-Petty cash ta' Diċembru 2019.

**8.8.2** Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi kellna pagament illi daħal tard.

- Is-Sinjura Annalise Farrugia – Running of public convenience from the 13th Dec 2019-12th Jan 2020 -€1,781.27.

8.8.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni fuq il-pagamenti 698 u 699 tal-fuel u staqsa jekk il-Kunsill huwiex izomm rendikont ta kemm qed jinħela fuel.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dak huwa pagament ta' zewġ vannijiet u jekk il-Kunsill irid li jibda jittieħed il-qari tal-metre jista jsir dan.

Il-Kunsill qabel li jibda jittieħed il-qari tal-meter u li jsir ktieb apposta.

8.8.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagament 681 fuq il-bankina ta' ħdejn Lagustini u qal illi qed jipparkjaw il-karozzi fuqha.

Is-Sindku qal illi nistgħu nagħmlu double yellow line.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħjar nibgħatu l-wardens.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

***Il-Kunsillier Is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

8.9 **Mozzjonijiet:**

8.9.1 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri – issekonda il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar (032 – 9/12/19):**

*"Jipproponi li nsibu triq fil-periferija ez Triq Il-Blajjiet u nitolbu lis-sidien ta' l-għelieqi sabiex jirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ u kemm jista jkun ikunu skond il-liġi u mhux fejn m'hemmx ħajt u fejn hemm 6, 5 jew 4 filati. Dan għandu jħalli impatt pozittiv fid-dehra. Irridu nsibu kompromess sabiex dawn jiġu rrranġati kemm jista jkun malajr."*

Din il-mozzjoni diġa għaddiet fil-laqgħa li għaddiet.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri daħal għal laqgħa fis-7:25pm.***

* Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara diversi attenia kemm bil-kelma u kemm b'mezzi elettroniċi mat-tabib tal-għajnejn biex inaddaf quddiem is-sit li għandu fi Triq is-Sliem. Xorta waħda dan baqa ma seħx. Is-Sindku jistaqsi jekk wasalx il-waqt li tintbgħat ittra legali.

Kien hemm qbil li tintbgħat ittra legali.

8.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2020 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 14 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _____________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 8- it-Tmien Leġislatura.**